MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## S.T.O. PRIM IMHALLEF

## SILVIO CAMILLERI

Seduta tas-6 ta' Gunju, 2014

Numru 325/2013

**Il-Pulizija**

**(Spettur Josric Mifsud)**

**v.**

**Richard Joseph Maurice Vella**

**Il-Qorti**:

**1.** Rat l-akkużi dedotti kontra l-imputat, Richard Joseph Maurice Vella, imwieled fit-23 ta' Settembru 1986 u residenti f' 'Gesu' Redentur' Triq l-Għarb, Għarb, Għawdex, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 165995M, miġjuba quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli:

Nhar l-4 ta' Diċembru, 2004 għal-habta tad-09:00hrs fi Triq l-Għarb, limiti tal-Għarb, Għawdex:-

1. Saq vettura Nru TDI-018 b'manjiera traskurata u perikoluża (Art 15(1)(a) Kap 65)

2. B'nuqqas ta' ħsieb, bi traskuraġini jew b'nuqqas ta' tħaris tar-regolamenti ħabat ma' vettura IAW-529 u involontarjament ikkaġunalha ħsarat b'detriment għal George Micallef mill-Għarb, Għawdex (Art.328 Kap.9)

3. Aktar talli b'kaġun ta' din il-kolliżżjoni b'nuqqas ta' ħsieb, bi traskuraġini jew b'nuqqas ta' tħaris ta' regolamenti, involontarjament ikkaġuna feriti ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Jimmy Piscopo u dana skont kif iċċertifika Dr. Marvic Masini MD, feriti ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Benjamin Joe Farrugia minn Nadur u skont kif iċċertifika Dr. Joseph Rapa MD, u feriti ta' natura ħafifa fuq il-persuna ta' George Micallef u dan skont ma' ċċertifika Dr. Marvic Masini MD ta' l-Isptar Ġenerali ta' Għawdex (Art 226(1)(e) Kap.9)

4. Aktar talli fl-istess lok, ħin u ċirkustanzi, waqt li kien isuq vettura numru TDI-018 qasam il-linji bojod kontinwi (MVR Reg88)

5. Aktar talli fl-istess lok, ħin u ċirkustanzi saq vettura TDI-018 meta ma kienx kopert bil-polza ta' l-assikurazzjoni dwar ir-riskji ta' terzi persuni. (Art.3 Kap.104)

Il-Qorti giet mitluba li f'każ ta' ħtija tissospendi lil ħati minn kull liċenzja tas-sewqan għal perjodu ta' żmien li l-stess Qorti jidrilha li hu xieraq.

**2.** Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, mgħotija fl-20 ta' Ġunju, 2013, fejn il-Qorti wara li rat l-artikoli 225, 226(1)(a)(b)(c), 215, 216(1)(b), 218(1)(a), 328(b)(d), 17(h) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u l-artikolu 15(1)(a)(2) tal-Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta, ir-Regolament 88 tal- Leġislazzjoni Sussidjarja 65.11, filwaqt li illiberat lill-imputat mill-aħħar akkuża miġjuba fil-konfront tiegħu u sabitu ħati tal-kumplament ta' l-akkużi u ikkundannatu għall-hlas ta' multa ta' €2000.

Inoltre l-imputat gie skwalifikat milli jkollu liċenzja tas- sewqan għal zmien tlett xhur.

Finalment wara li rat l-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta ikkundannat lil ħati jħallas l-ispejjeż peritali fl- ammont ta' €1000.85 lir-Reġistratur tal-Qorti.

**3.** Rat ir-rikors tal-appell tal-imsemmi imputat Richard Joseph Maurice Vella, ppreżentat fir-reġistru ta' din il-Qorti fit-8 ta' Lulju, 2013, fejn talab lil din il-Qorti tvarja s-sentenza appelata billi filwaqt li tikkonferma l-liberatorja fir-rigward tal-ħames akkuża tvarja l-kap tas-sentenza li permezz tagħha l-ewwel Onorabbli Qorti sabet lill-imputat esklużżivament responsabbli għas-sinistru stradali u ħati ta' sewqan perikoluż u tilliberah jew tvarja l-kapijiet l-oħra tas-sentenza

biex tirrifletti r-responsabbilita` kontributorja da parti tal-imputat u tilliberah mill-imputazzjoni kontrih rigwardanti sewqan perikoluż.

**4.** Rat l-atti kollha tal-kawża nklużi l-provi kollha prodotti quddiem l-ewwel Qorti u semghet lill-partijiet jittrattaw l-appell.

**5.** Il-fatti tal-każ jistgħu jiġu riassunti kif ġej:

Fl-4 ta' Diċembru 2004 filgħodu l-imputat kien isuq il-vettura Nru TDI-018 tal-marka Ford fi Triq l-Għarb, fil-limiti tal-Għarb, Għawdex fid-direzzjoni tar-Rabat waqt li George Micallef kien qiegħed isuq il-vettura tiegħu tal-marka Nissan numru IAW-529 fid-direzzjoni opposta u ċioe' fid-direzzjoni tal-Għarb. It-temp ma jirriżultax li kien tali li kien ifixkel b'xi mod is-sewqan. F'ħin minnhom George Micallef bil-vettura IAW-529 ġie biex jissorpassa vettura oħra li kienet wieqfa fuq in-naħa tiegħu tat-triq tħares fl-istess direzzjoni fejn kien sejjer hu. Fl-istess żmien il-vettura misjuqa mill-imputat għal xi raġuni ġibdet lejn il-karreġġjata tat-triq li fiha kien isuq Micallef bil-konsegwenza li grat kolliżżjoni bejn iż-żewġ vetturi li fiha korrew tlett persuni.

**Ikkunsidrat:**

**6.** Ghalkemm indirizzat minn żewġ aspetti differenti wieħed huwa essenzjalment l-aggravju tal-appellant fis-sens li jsostni li l-ewwel Qorti għamlet apprezzament żbaljat tal-provi prodotti meta fl-ewwel lok ma ħadetx qis tan-negliġenża kontributorja tal-persuna li kienet issuq il-vettura li magħha ħabat l-appellant u tal-mod kif il-vettura ta' terzi kienet tinsab wieqfa lejn nofs it-triq u fit-tieni lok meta żbaljatament sabet li s-sewqan tal-appellant kien wieħed li jinkwadra fl-artikolu 15(2) tal-Kap 65 meta, għalkemm is-sewqan kien negliġenti, dan ma kienx bla kont u għalhekk għalkemm kien jinkwadra fl-artikolu 15(1)(a) iżda mhux fl-artikolu 15(2) tal-Kap imsemmi.

**7.** In kwantu, għalhekk, li l-aggravju tal-appellant jikkonsisti sostanzjalment filli jilmenta li l-ewwel Qorti għamlet apprezzament żbaljat tal-provi, ta' min ifakkar il-ġurisprudenza ormai kostanti ta' din il-Qorti fis-sens li ma tiddisturbax l-apprezzament tal-provi li tkun għamlet l-ewwel Qorti jekk mhux għal raġunijiet gravi b'mod li din il-Qorti tirrevedi l-apprezzament ta' dik il-Qorti fl-eventwalita' biss li l-ewwel Qorti ma setgħetx raġionevolment tasal għall-konklużjonijiet li waslet għalihom fuq l-iskorta tal-provi prodotti quddiemha.

**8.** Fil-kuntest tal-aggravju tiegħu l-appellant jissottometti li l-ewwel Qorti naqset milli tqis dak li jallega kienet in-negliġenza kontributorja tas-sewwieq l-ieħor involut fis-sinistru kif ukoll il-fatt tal-vettura tat-terz li kienet wieqfa għal nofs it-triq u li minħabba fiha is-sewwieq li miegħu ħabat l-appellant kien kostrett jaqbeż il-linji doppji li jiddividu l-karreġġjata li fiha kien isuq minn dik li fiha kien isuq l-appellant.

**9.** Qabel xejn għandu jingħad li f'sedi kriminali – salv konsegwenzi oħra f'sedi ċivili -- in-negliġenza kontributorja ta' ħaddieħor ma tbiddel xejn mir-responsabilita' kriminali tal-appellant għaliex hu prinċipju f'materja kriminali li tali negliġenza kontributorja ta' ħaddiehor ma teżonerax lill-imputat sakemm ma tkunx il-kawża unika tas-sinistru[1].

**10.** Fil-każ odjern in-negliġenza tal-imputat appellant tirrizulta manifesta u ċertament kienet determinanti tas-sinistru. L-appellant ma kellu qatt għalfejn jaħbat mal-istess George Micallef kieku kien qiegħed isuq bil-prudenza mistennija minn sewwieq ta' vettura fit-triq. Il-fatt li l-provi juru li l-appellant tilef il-kontroll tal-vettura li per konsegwenza ġibdet lejn il-karreġġijata opposta minn fejn kienet ġejja l-vettura ta' George Micallef u saret il-ħabta juri li l-appellant ma kienx qiegħed isuq b'tali mod li jippermettilu jżomm kontroll sħiħ tal-vettura tiegħu u di fatti jirriżulta li t-telfien ta' kontroll tal-vettura da parti tal-appellant kien dovut għas-sewqan eċċessiv tiegħu. Barra minn hekk f'dan il-każ il-fatt li Micallef qabeż bi ftit aktar minn-nofs tal-vettura tiegħu il-linji doppji li kienu jiddividu l-karreġġiati sabiex jaqbeż it-truck wieqaf anqas jista' jingħad li ħoloq xi stat ta' emerġenza lill-appellant għaliex dan kien f'pożizzjoni li jilmaħ il-vettura ta' George Micallef minn distanza bogħod biżżejjed sabiex ikun jista' jimmanuvra l-karozza tiegħu billi jżomm kemm jista' lejn in-naħa tiegħu u b'hekk kemm Micallef kif ukoll l-appellant kienu jkunu jistgħu jkomplu fi triqthom mingħajr diffikulta'. Di fatti t-tul tal-*brakemarks* juri li l-apellant effettivament lemaħ lil Micallef jissorpassa lit-truck minn distanza bogħod biżżejjed sabiex ikun jista' trankwillament jirregola s-sewqan tiegħu b'mod li seta' jevita li jaħbat ma' Micallef. Dan naturalment l-appellant seta' jagħmlu li kieku ma kienx qiegħed isuq bil-veloċita' eċċessiva li biha rriżulta li kien qiegħed isuq.

**11.** Għar-rigward tat-tieni aspett tal-aggravju tal-appellant, u ċioe' dak li jirrigwarda jekk is-sewqan tal-appellant kienx wieħed negliġenti, bla kont jew perikoluż, għalkemm hemm ftit ta' konfużjoni fl-osservazzjonijiet li jagħmel l-appellant, jidher li l-appellant isostni li s-sewqan tiegħu jista' jammonta biss għal sewqan traskurat iżda mhux għal sewqan bla kont jew perikoluż u li għalhekk għalkemm jinkwadra fl-artikolu 51(1)(a) tal-Kap 65 ma jinkwadrax fl-artikolu 15(2) tal-istess Kap. Il-konsegwenzi li donnu jrid jiġbed l-appellant mill-premess huma li fl-ewwel lok "ma hemmx biżżejjed provi li juru li ġie sodisfacentament provat ir-reat taħt l-artiklu 15(2) tal-Kap 64" u fit-tieni lok li l-ħlas tal-ispejjeż tal-periti imposti skont l-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali għandu jiġi apporzjonat b'mod li jirrifletti r-responsabilita' kontributorja ta' terzi u li l-piena inflitta fuqu għandha wkoll tiġi minimizzata.

[1] Ara fost oħrajn App. Kr. Inf. P v Rev Carmelo Mifsud, 3/9/1953; P v Joseph Muscat, 10/6/1994; P v Joseph Sultana, 21/10/2011

**12.** Peress li l-artikolu 15(2) tal-Kap 65 ma jikkontempla ebda reat distint minn dak prospettat fl-artikolu 15(1), l-osservazzjonijiet tal-appellant f'dan ir-rigward huma mal konċepiti. B'danakollu, għalkemm l-appellant ma jagħmel ebda aċċenn espliċitu għal din il-kwistjoni, l-artikolu 15(2) tal-Kap 65 jipprevedi l-iskwalifika mill-ksib ta' liċenza tas-sewqan fil-każ ta' sewqan bi traskuraġni kbira jew b'mod perikoluż u huwa unikament f'dan ir-rigward li l-kwistjoni ventilata mill-appellant seta' jkollha impatt legali. Din il-qorti, iżda, taqbel mal-ewwel qorti li, tenut kont ukoll tal-konfigurazzjoni tat-triq fl-inħawi fejn ġara l-inċident, tal-veloċita' li biha kien isuq l-appellant u tal-preżenza ta' vetturi u traffiku ieħor fit-triq, s-sewqan tal-appellant kien mhux biss traskurat iżda kien addirittura perikoluż u konsegwentement din il-Qorti ma għandha xejn xi tvarja dwar l-iskwalifika mill-liċenza ordnata mill-ewwel Qorti.

**13.** In kwantu għall-kunsiderazzjonijiet l-oħra relatati mal-allegata negliġenza kontributorja ta' terzi, dak li rriżulta lil din il-Qorti, anki mis-sottomissjonijiet tal-appellant fir-rikors tiegħu tal-appell, hu li l-unika responsabilita' kriminali li sabu l-Qrati f'dan il-każ hija fl-appellant u għalhekk dan l-aspett tal-aggravju tiegħu qiegħed ukoll jiġi miċħud.

Għall-motivi premessi l-appell ta' Richard Joseph Maurice Vella qiegħed jiġi miċħud u s-sentenza appellata qiegħda tiġi konfermata.

## < Sentenza Finali >

-------------------------------TMIEM-------------------------------